# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 3**
**Rikors numru 68/10SM**

**Vincent Curmi bhala amministratur tal-eredita`**
**tal-Markiz John Scicluna, Cristiane Ramsay Pergola u**
**Mignon Marshall**

**v.**

**Avukat Generali, Bank of Valletta plc**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed maghmul mir-rikorrenti u l-iehor mill-intimat Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, fid-9 ta' Frar 2016, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tal-atturi limitatament billi: iddikjarat li gew vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta'

Malta [il-Kostituzzjoni], bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea [il-Konvenzjoni] u bl-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni u bhala rimedju ikkundannat lill-intimat Avukat Generali biex ihallas lir-rikorrenti kumpens komplessiv ta' miljun Ewro, [€1,000,000.00], bl-ispejjez kontra l-intimati.[1]

Il-Fatti

2. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Rizultat ta' ftehim datat it-30 ta' Lulju, 1958[2] il-Markiz John Scicluna, awtur fid-dritt tar-rikorrenti, kien dahal fi ftehim ta' lokazzjoni li permezz tieghu kera l-fond 1/5 fi Pjazza San Gorg, il-Belt Valletta lil *Scicluna's Bank* ghall-perjodu ta' 10 snin, dekorribbli mill-1 ta' Jannar 1959, versu l-kera £800 fis-sena. F'Marzu 1968 l-istess kirja giet estiza biex tinkorpora l-fondi 132, 133, 134 u 135 Strait Street, Valletta. *Scicluna's Bank* kien gie eventwalment amalgamat ma' *The National Bank of Malta Limited* u l-istess kirja baqghet tiggedded skont il-ligi. Sussegwentement bis-sahha tal-Att XLV tal-1973 u tal-Att IX tal-1974 gie stabbilit il-Bank of Valletta [il-Bank] intimat u l-proprjeta` mertu tal-proceduri odjerni ghaddiet *ex lege* ghand dan l-intimat.

3. In vista tal-premess, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li soffrew ksur tad-drittijiet taghhom taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 1 tal-

[1] Il-Qorti ma laqghetx it-talba ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.
[2] Fol.7

Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni. Inoltre jikkontendu illi fil-proceduri fl-ismijiet **Vincent Curmi nomine et v. Joseph Tabone nomine** [Citazzjoni Numru 926/1989] intavolati fl-1989 u decizi b'mod definittiv fil-25 ta' Gunju 2010, gie lez id-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tad-9 ta' Frar 2016, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "13.0. Illi essenzjalment ir-rikorrenti aderew din il-qorti fejn qed jitolbu minnha dikjarazzjoni li gie lilhom vjolat:
>
> "13.1. L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> "13.2. L-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;
>
> "13.3. L-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;
>
> "13.4. L-artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni;
>
> "14. Illi in vista tal-istess jitolbu li jinghataw rimedju xieraq kif kontemplat mill-ligi li din il-qorti tista` takkorda;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "15. Illi rizultat tal-ftehim datat it-30 ta' Lulju, 1958, (ara foll 5), il-Markiz awtur tar-rikorrenti kkonkluda ftehim li permezz tieghu kera l-fondi mertu tal-procedura odjerna lix-*Scicluna's Bank* ghall-perjodu t'ghaxar (10) snin, dekorribbli mill-1 ta' Jannar, 1959, ghal kera annwali ta' tmin mitt Lira (£800.00), fis-sena, (ara foll 5);
>
> "16. Illi x-*Scicluna's Bank* kien eventwalment amalgamat ma' *The National Bank of Malta Limited*;
>
> "17. Illi l-proprjeta` kontigwa enumerata 132 sa 135 Strada Stretta, il-Belt, giet inkorporata fl-istess sede tal-bank in dizamina;

“18. Illi l-istess kirja totali kif hekk zviluppat baqghet tiggedded skont il-ligi;

“19. Illi l-bank intimat kien stabilit *ai termini* tal-Att XLV tal-1973 u tal-Att IX tal-1974, (ara foll 101 u 110);

“20. Illi konsegwenza tal-istess, il-proprjeta` meritu tal-procedura odjerna ghaddiet ghalhekk *ex lege* ghand il-Bank intimat;

“Ikkunsidrat:

“21. Illli rigward ir-rikuza tal-gudikant li gie l-ewwel kolpit bil-procedura in dizamina mitluba miz-zewg intimati, jinghad li *stante* li l-gudikant ikkoncernat laqa` l-istess sottomissjonijiet tal-intimati u gie sostitwit, din il-qorti qed tissorvola l-istess u taghzel li tindirizza l-kwistjonijiet l-ohra sollevati mill-istess kontendenti;

“Ikkunsidrat:

“22. Illi r-rikorrenti jsostnu li meta bis-sahha tal-ligijiet specjali fuq riferiti, (ara paragrafu numru dsatax, (19.), aktar qabel, il-Kunsill tal-Amministrazzjoni hekk stabbilit ghadda l-ishma kollha relattivi lill-Bank intimat, u dan, minghajr m’ghadda hlas lill-azzjonisti jew ma kiseb il-kunsens preventiv taghhom, dawn soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif indirizzati fl-artiklu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja in dizamina;

“Ikkunsidrat:

“23. Illi z-zewg intimati jissollevaw l-eccezzjoni li r-rikorrenti ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom fir-rigward tal-pretensjonijiet minnhom sostenuti;

“24. Illi f’dan ir-rigward fil-kawza **Victor Gatt et vs. Avukat Generali et datata l-15 ta’ Lulju, 2010, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili** sostniet is-segwenti:

> “... din il-kawza mhix wahda *rei vindicatoria* u kwindi mhux mehtiega l-prova diabolika ta’ titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-ezitu ta’ din il-kawza”;

“25. Illi *inoltre*, mic-cedola ta’ depozita tal-istess Bank hawn intimat datata s-7 ta’ Jannar, 2014, (ara foll 307), dan il-bank jirrizulta li qieghed hemmhekk jirrikonoxxi lir-rikorrenti u li allura ghandu jtihom l-ammont hemm indikat bhala skadenza tal-kera tal-fondi meritu tal-procedura odjerna;

“26. Illi konsegwentement, anke l-istess azzjonijiet precedenti ghall-kawza odjerna tal-intimat jirrikonoxxu l-ezistenza tal-interess guridiku

tar-rikorrenti li allura jirrizulta tassew assodat anke fil-procedura in dizamina;

“27. Illi konsegwentement, l-istess risposti, jew eccezzjonijiet tal-intimati fir-rigward ghandhom jigu respinti;

“Ikkunsidrat:

“28.0. Illi l-istess intimati t-tnejn jeccepixxu li l-azzjoni odjerna intrapriza mir-rikorrenti hi inammissibbli *ratione temporis*, (ara foll 11, paragrafu numru sitta (6) u foll 15, paragrafu numru tnejn, (2)), u f’dan il-kuntest jinghad sintetikament is-segwenti;

“28.1. Illi minn analizi tal-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti jirrizulta pacifiku li l-atti hawn ezaminati ma jirrigwardawx xi att istantanju ta’ darba;

“28.2. Illi l-fatti li fuqhom jiffokaw ir-rikorrenti minflok jirrigwardaw atti ta’ natura kontinwa li mhux biss jistraripaw il-linja ta’ demarkazzjoni indirizzata mill-intimati, senjatament it-30 t’April, 1987, (data tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta), izda li ghadhom jippersistu sallum;

“28.3. Illi ghalhekk, *stante* li l-atti in dizamina ghadhom vigenti, allura l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat ma jisghux jigu suffragati;

“Ikkunsidrat:

“29. Illi l-intimat Avukat Generali jeccepixxi wkoll l-intempestivita` tal-procedura odjerna *stante* li jallega li r-rikorrenti m’ezercitawx ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni taghhom, (ara foll 15);

“30.0. Illi f’dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

“30.1. Illi meta qorti tkun qed tikkonsidra l-effettivita` ta’ rimedju f’dan il-kuntest partikolari din ghandha tezamina l-effikacita` reali tal-istess rimedju postulat u dan, flimkien ma l-adegwatezza sostantiva tal-istess;

“30.2. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Ian Peter Ellis et vs.Avukat Generali et**, datata s-**27 ta’ Marzu,2015, il-Qorti Kostituzzjonali** stabbiliet is-segwenti:

> “... kemm ghax il-kera li l-Bord huwa marbut li jiffissa bil-ligi huwa baxx hafna komparatmal-valur lokatizju tal-fond fis-suq, kif ukoll ghax ir-ripreza tal-pussess tal-fond da parti tar-rikorrenti hija remota tenut kont tal-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel il-Bord jilqa` talba f’dan is-sens...Apparti dan, din il-Qorti tosserva li l-anqas l-emendi ghall-Kodici Civili li sehhew bl-Att tas-sena 2009 ma jistghu jitqiesu bhala li jaghtu rimedju effettiv ghall-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm ghax tezisti diskrepanza enormi bejn l-awment fil-kerkontemplat

> fl-artiklu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq hieles, kif ukoll ghax id-disposizzjonijiet tal-artiklu 1531F,fic-cirkostanzi tal-kaz, jaghmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond taghhom”;

“30.3. Illi *stante* li jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti odjerni ma jirrizultax li kellhom rimedju potenzjalment effettiv, effikaci u adegwat ghal lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali minnhom sollevati kif fuq sintetikament elenkati, din ir-risposta preliminari ghandha wkoll tigi respinta;

“Ikkunsidrat:

“31.Illi ghalhekk, wara li tiddikjara li l-lanjanzi tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu ezaminati kurjalment, allura tghaddi biex tezamina l-istess mill-ottika partikolari hawn indirizzata – senjatament l-ottika kostituzzjonali rigwardanti l-allegati ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

“Ikkunsidrat:

“32.0. Illi rigward l-eccezzjoni tal-bank intimat li hu mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 11), jinghad sintetikament is-segwenti:

“32.1. Illi mill-fatt li l-bank *de quo* hu inkwilin tal-fondi in dizamina l-presenza tal-istess bank fl-atti odjerni tirrizulta indispensabbli, *molto piu`* meta talba partikolari tar-rikorrenti tindirizza ir-ripreza tal-pussess tal-istess fondi mill-bank in kwistjoni;

“32.2. Illi in vista tal-istess, tali eventwalita` tikkonsolida l-ezistenza konkreta tal-interess guridiku tal-bank *de quo* u konsegwentement ghandu jkun pacifiku li f’id determinazzjoni tal-istess, il-presenza tal-Bank intimat fil-procedura odjerna hi necessarja, anzi indispensabbli, ghal finijiet tal-integrita` tal-gudizzju;

“32.3. Illi f’dan ir-rigward, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Cassar Torreggiani vs. Avukat Generali**, datata t-**22 ta’ Frar, 2013**, il-**Qorti Kostituzzjonali** osservat is-segwenti:

> “... kif ritenut fil-gurisprudenza lokali, biex gudizzju jkun integru jehtieg li ... jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati fil-kawza. B’hekk tigi assigurata kemm jista` jkun l-effikacita` tal-gudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu partecipi fih, kif ukoll jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm bzonn ta’ ripetizzjoni ta’ proceduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f’gudizzju wiehed”;

“Ikkunsidrat:

“33.0.Illi rigward l-allegazzjoni li r-rikorrenti kienu taw il-kongedo lill-Bank intimat, (ara foll 3, paragrafu numru 11), jinghad sintetikament is-segwenti:

"33.1. Illi r-rikorrenti jsostnu li kopja ta' l-ittra li permezz taghha taw il-kongedo in dizamina lill-Bank intimat hi dik datata Marzu, tal-1988, (ara foll 3 u 6);

"33.2. Illi tali ittra ma jirrizultax li taghti il-kongedo validu fil-ligi *stante* li ma timmanifestax l-intenzjoni specifika biex il-kirja tal-fondi mertu tal-procedura odjerna ma tibqax tigi mgedda;

"33.3. Illi li jirrizulta mill-istess hu biss talba ghat-terminazzjoni tal-kirja *stante* li l-bank intimat kiser xi kundizzjonijiet fir-rigward, (ara foll 6);

"33.4. Illi ghalhekk, din ir-risposta partikolari tal-bank intimat ghandha tigi akkolta;

"Ikkunsidrat:

"34.0. Illi rigward ix-xenarju finanzjarju prevalenti fiz-zmien partikolari in dizamina kif indirrizzat kemm mill-bank intimat, (ara foll 11, paragrafu 9), u mill-intimat Avukat Generali, (ara foll 16, paragrafu 7), jinghad sintetikament is-segwenti:

"34.1. Illi z-zewg intimati in dizamina t-tnejn jindirizzaw l-aspett li l-klima ekonomika tal-perjodu in dizamina kkostringa lill-Gvern biex jirrimedja s-sitwazzjoni li kienet inholqot;

"34.2. Illi sussegwentement biex tigi rizolta s-sitwazzjoni in kwistjoni twaqqaf il-bank intimat li assuma l-personalita` ta' "*The National Bank of Malta Limited"*.

"34.3. Illi munit bis-sahha statutorja moghtija lilhu mill-Att XLV tal-1973 u mill-Att IX tal-1974, (ara foll 101 u 110), il-bank intimat ha pussess fiziku u reali tal-fondi meritu tal-procedura odjerna;

"34.4. Illi dan il-pussess ittiehed mill-bank intimat wara li l-Gvern xpruna l-legislazzjoni riferita fil-paragrafu precedenti, allegatament a bazi tal-interess pubbliku li animah;

"34.5. Illi pero` jigi immedjatament sottolineat li dan ilkriterju li awtorizza l-intervent governattiv fir-rigward mhux l-uniku wiehed li ghandu jigi indirizzat biex jigi determinat jekk l-azzjonijiet in dizamina wasslux ghal ksur tad-drittijiet fundamentali in dizamina kif tutelati fil-Kostituzzjoni taghna u fil-Konvenzjoni Ewropeja fuq riferiti;

"34.6. Illi kif irriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawzafl-ismijiet Mary Anne Busuttil vs. Tabib John Cassar et, datata l-31 t'Ottubru, 2014**:

> "L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni jhares mhux biss kontra t-tehid tal-jusproprjeta` shiha minghajr kumpens xieraq, b'mod li tinholoq sitwazzjoni fejn "is-sid originali gie zvestit u mnezza` minn kull dritt li ghandu fuq dik il-proprjeta`", izda jrid ukoll illi "ebda interess ..... jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun" ma ittiehed minghajr kumpens xieraq";

"34.7. Illi l-istess effett sancit kazistikament kif indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta abbundantement assodat testwalment mill-istess artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li ghall-ekonomija tal-gudizzju mhux qieghed hawn jigi riprodott;

"34.8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-effett immedjat naxxenti mill-Att XLV tal-1973 u l-Att IX tal-1974 fuq gia` riferiti, (ara foll 101 u 110 rispettivament), jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"34.9. Illi ghar-ragunijiet hawn sintetikament esposti, l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati in dizamina jimmeritaw li jigu respinti;

"34.10. Illi konsegwentement ukoll stabbilit ghalhekk il- fatt li d-dritt tal-proprjeta` tar-rikorrenti gie lez, l-eccezzjoni numru sittax, (16), sollevat mill-bank intimat ukoll timmerita li tigi respinta;

"Ikkunsidrat:

"35.0. Illi rigward il-valutazzjoni tal-proprjeta` in dizamina l-perit tekniku espressament nominat fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet (ara foll 301), isostni sintetikament is-segwenti:

35.1. Illi l-valur lokatizju fis-suq hieles tal-fondi meritu tal-procedura in dizamina jammonta ghal mija u disgha u hamsin elf, tlett mija u hamsin Ewro, (€159,350.00);

"35.2. Illi ghalkemm il-kontendenti pprezentaw l-istimi rispettivi taghhom, (ara foll 7 u 298), *stante* li m'hemm l-ebda raguni ghal kuntrarju, qed tistrieh fuq l-istima komplessiva inoltrata mill-espert tekniku minnha nominat;

"35.3. Illi l-kera percepita mir-rikorrenti hi irrizorja, (ara foll 5 u foll 307);

"Ikkunsidrat:

"36. Illi kif irriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Carmen Cassar vs. Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et, datata it-12 ta' Lulju, 2011**:

"Skont il-Konvenzjoni l-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jistabilixxi tlett kondizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti biex jigi dezciz li kien hemm ksur ta' dan id-dritt:

*1.* "*Lawfulness*"

2. "*Legitimate Aim*"

*3.* "*Fair Balance*";

"37. Illi r-rekwiziti elenkati fil-paragrafu precedenti gew sussegwentement kristalizzati fl-istess decizjoni riferita fil-paragrafu precedenti fis-segwenti:

1. "Interess Pubbliku;

2. "Bilanc gust bejn l-interess generali tal-komunita`;

3. "Id-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-possediment;

"Ikkunsidrat:

"38. Illi minn analizi tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta li l-ewwel zewg (2) rekwiziti gew sodisfatti;

"39. Illi pero` f'dan il-qasam hekk delikat tal-ingerenza governattiva fit-tgawdija mic-cittadin privat tal-proprjeta` tieghu indubitament jezigi l-htiega ta' proporzjonalita` bejn l-azzjoni governattiva fl-interess pubbliku u d-dritt tac-cittadin privat li jgawdi b'mod effettiv il-proprjeta` tieghu;

"40. Illi kemm il-darba jigi f'dan il-kamp stabbilit li tali proporzjonalita` tirrizulta karenti, allura il-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem kif sancit mill-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tkun assodata u tghajjat ghal rimedju effettiv kif indikat fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja, (ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Josephine Bugeja et vs. Avukat Generali et, datata s-7 ta' Dicembru, 2009**);

"41. Illi *stante* li rrizulta li hemm divarju enormi bejn il-valur lokalizju fis-suq hieles tal-proprjeta` in dizamina u l-*canone* effettivament ricevut mir-rikorrenti, ghandu jirrizulta pacifiku li l-istess rikorrenti qed igorru piz eccessiv fir-rigward;

"42. Illi ghalhekk il-principju tal-proporzjonalita` fuq indikat mhux qieghed jigi mantenut fil-konfront tar-rikorrenti;

"43. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` bla kumpens kif sancit fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokoll

tal-Konvenzjoni Ewropeja, (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), gie lilhom lez;

"44. Illi kif irriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Michael u Cecilia konjugi Xerri vs. Avukat Michelle Tabone, datata s-27 t'April, 2012**:

> "…. inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. This balancing approach known under the term of *principle of proportionality* has acquired the status of general principle in the Convention system. Fi kliem iehor il-Qorti trid taghmel assessment whether a fair balance has been struck between the various interests at stake and, notably, whether or not a disproportionate burden has been imposed on the person who has been deprived of his possession";

"45. Illi ghalhekk jigi sintetikament stabbilit bi kjarezza li fin-nuqqas ta' proporzjonalita` bejn l-att governattiv *de quo* u l-effett fuq ic-cittadin privat, ikun hemm ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni kif fuq deklinat;

"Ikkunsidrat:

"46.0. Illi rigward l-allegat ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja *da parti* tal-intimati fil-konfront tar-rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:

"46.1. Illi fis-sentenza **fl-ismijiet Iris Cassar et vs. Avukat Generali, datata s-27 ta' Marzu, 2015, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet is-segwenti**:

> "Fil-fehma ta' din il-qorti, ghalhekk, kien hemm nuqqas kemm tal-ewwel qorti fit- tmexxija tal-kawza, nuqqas inerenti fis-sistema u nuqqas tal-partijiet fosthom l-atturi stess. Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawzi b'heffa u efficjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa` fuq il-qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qorti tkun tista` twettaq id-dmir taghha, din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Generali illi l-istat ghandu jkun esonerat minn responsabbilita` ghal dewmien ta' ghexieren ta' snin biex tinqata` kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja. Il-qorti dan tghidu minghajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabbilita` kontributorja tal-atturi stess illi ghandha jkollha relevanza ghal likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut";

"46.2. Illi in vista tal-insenjament riprodott fil-paragrafu precedenti, meta procedura gudizzjarja, senjatament dik fl-ismijiet Vincent Curmi *nomine et* vs. Joseph Tabone *nomine*, Citazzjoni Numru 926/1989, tigi intavolata fl-1989 u tigi deciza b'mod definittiv fil-25 ta' Gunju, 2010, (ara anke foll 16), allura ghandu jigi ritenut

pacifiku li d-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli gie abbundantement lez;

“46.3. Illi in vista tal-premess it-talba tar-rikorrenti fir-rigward timmerita li tigi akkolta;

“Ikkunsidrat:

“47.0. Illi pero` fir-rigward tal-Bank intimat ghandu jigi sottolineat is-segwenti:

“47.1. Illi l-ghaxar (10) u t-tnax (12) l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess bank intimat, senjatament:

“47.1.1. Dik rigwardanti l-lezjoni ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif stabbilit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni *de quo*; u

“47.1.2. Dik rigwardanti t-tehid ta’ proprjeta` minghajr korrispettiv finanzjarju ragonevoli kif sancit fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja in dizamina;

“huma eccezzjonijiet li ghandhom jigu avallati mill-qorti odjerna *stante* li l-Bank intimat hu ghal kollox estraneu fir-rigward;

“Ikkunsidrat:

“48. Illi tenut kont tal-analizi fattwali rizultanti jirrizultaassodat li t-titolu lokatizju li l-bank intimat jivvanta fil-konfront tal-proprjeta` in mertu hu protett statutorjament taht il-ligi tal-kera u konsegwentement igawdi l-protezzjoni tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“49. Illi finalment jigi sottolineat li t-trasferiment tal-fondi immobbli in mertu kien effettwat fil-limiti statutorji tal-Att XLV tal-1973 u l-Att IX tal-1974, u ghalhekk il-bank intimat jirrizulta debitament protett;

“50. Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet numru tlettax, (13), u numru hmistax (15), jimmeritaw li jigu debitament akkolti;

“Ikkunsidrat:

“51.0. Illi fir-rigward ta’ l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni *de quo*, senjatament dik rigwardanti l-allegata diskriminazzjoni illecita ezercitata fil-konfront tal-intimati, jinghad sintetikament is-segwenti:

“51.1. Illi dan l-agir odjuz gie kkjarifikat mill-**Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet Spadea and Scalabrino vs. Italy, datata t-28 ta’ Settembru,1995**;

“51.2. Illi hawn din il-qorti stabbiliet li:

> "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated"

> "51.3. Illi *stante* li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw tali diskriminazzjoni skont il-ligi, t-tmin (8) eccezzjoni sollevata mill-intimat Avukat Generali, (ara foll 17), timmerita li tigi akkolta;"

L-Appelli

***L-Appell tal-Avukat Generali***

5. L-intimat Avukat Generali qed jibbaza l-appell tieghuipprezentat fit-23 ta' Frar 2016 fuq hames aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji; [2] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbl fil-kawza odjerna; [3] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur tal- Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni; [4] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-qtugh tal-kawza precitata [926/1989]; u [5] li r-rimedju moghti mill-Qorti huwa eccessiv.

6. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti thassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet li gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-appellati protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protkol tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u wkoll fejn ikkundannat lil dan l-intimat jhallas lir-rikorrenti kumpens komplessiv

ta' miljun Ewro, filwaqt li din il-Qorti tikkonferma l-kumplament tas-sentenza bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

7. Fir-risposta ghall-appell tal-Avukat Generali, il-Bank intimat, qed jitlob li ghar-ragunijiet indikati fir-risposta tieghu, din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti u ssib li kien hemm ksur ta' drittijiet tal-bniedem, b'dan li l-esponenti ma ghandhiex tigi ritenuta responsabbli la ghal xi hlas ta' kumpens u inqas u inqas ghal zgumbrament mill-fondi mertu ta' din il-kawza, u lanqas b'xi mod iehor kwalsiasi.

8. Ir-rikorrenti ma pprezentawx risposta ghall-appell tal-Avukat Generali.

***L-Appell tar-Rikorrenti***

9. Da parti taghhom ir-rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom ipprezentat fid-29 ta' Frar 2016 fuq hames aggravji: [1] li huma kienu taw il-*congedo* lill-Bank intimat mhux biss f'Marzu 1988 izda bosta drabi; [2] li, la darba l-Bank intimat kien irrifjuta li jivvaka l-fond, ma setax jitqies li kien ghal kollox estraneju fir-rigward tal-ksur tad-dritt fundamentali tal-proprjeta` subit mir-rikorrenti; [3] Rigward l-eccezzjoni tieghu li hu osserva l-ligi, din ma hijiex gustifikazzjoni li tezonerah minn kwalunkwe responsabbilta'; [4] li l-ewwel Qorti kellha ssib li huma kienu

qed isofru wkoll minn diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali taghhom; [5] li r-rimedji ordnati mill-ewwel Qorti ma humiex xierqa.

10. Ir-rikorrenti qed jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha sa fejn iddikjarat li gew vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, thassarha u tirriformaha fejn ma sabitx ukoll vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti protett mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u fejn illikwidat kumpens fl-ammont ta' €1,000,000 u, minflok, [a] issib li gie vjolat ukoll id-dritt kif protett mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni [b] tordna l-izgumbrament tal-Bank intimat mill-fond numru 1/5, Pjazza San Gorg il-Belt u mill-fondi 132, 133, 134 u 135, Strada Stretta l-Belt u [c] tillikwida l-hlas ta' kumpens lilhom f'ammont ikbar minn dak likwidat mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati jew min minnhom.

11. Fir-risposta tal-appell tieghuipprezentata fis-7 ta' Marzu 2016, l-Avukat Generali, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, jissottometti illi l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

12. Fir-risposta tal-appell tieghu ghall-appell tar-rikorrenti pprezentata fl-10 ta' Marzu 2016, il-Bank intimat ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, jissottometti illi f'kaz li din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti u ssib li kien hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem, huwa m'ghandux jigi ritenut responsabbli la ghal xi hlas ta' kumpens u inqas u inqas ghal zgumbrament tieghu mill-fondi mertu tal-kawza u lanqas b'xi mod iehor kwalsiasi.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Generali*

13. Permezz ta' dan l-aggravju l-Avukat Generali, in succint, jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti warrbet l-eccezzjoni tieghu tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji u strahet fuq il-pronunzjament ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Ian Peter Ellis et v. Avukat Generali et** deciza fis-27 ta' Marzu 2015 fejn kien gie osservat li l-Bord tal-Kera [il-Bord] hu marbut li jiffissa l-kera skont il-ligi, liema kera hija baxxa komparata mal-kera fis-suq u li r-ripreza tal-fond mikri kienet remota.

14. Jghid li ma jaqbilx li din is-sentenza tapplika ghall-kaz odjern peress illi dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa r-ripreza tal-fond minhabba li allegatament inbidlet id-destinazzjoni tieghu. L-Artikoli 8 u 9 tal-Kap. 69 jahsbu ghal tali azzjoni li kienet accessibbli u effettiva u

jaghtu rimedju ordinarju ghal din il-lanjanza tar-rikorrenti, izda dawn minflok marru quddiem il-Bord, li huwa l-forum appozitu b'kompetenza ghal tali azzjoni, huma intavolaw il-kawza quddiem qorti li ma kellhiex kompetenza tiehu konjizzjoni tal-azzjoni taghhom.

15. Ir-rimedju mahsub fl-imsemmi kap ghandu l-potenzjal li jwassal lill-appellati ghall-ezitu li jridu huma. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni preliminari tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji.

*It-Tieni Aggravju tal-Avukat Generali*

16. Permezz ta' dan l-aggravju huwa jissottometti, inter alia, illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli ghall-kaz odjern in kwantu dan l-artikolu jitkellem biss dwar tehid forzuz tal-proprjeta` minghajr ma jaghmel referenza ghat-tfixkil fid-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta`. Filwaqt li jirreferi ghal gurisprudenza nostrana in sostenn tat-tezi tieghu, jissottometti illi tfixkil fid-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta` ma jaqax fl-ambitu tal-imsemmi artikolu kostituzzjonali. Jghid li sabiex japplika l-principju tat-tehid forzus prospettat fl-artikolu precitat wiehed irid jara jekk il-gid ittehditx b'mod li s-sid ikun gie zvestit kompletament minn kull dritt li ghandu fuq dik il-proprjeta`.

17. Jissottometti li "gjaladarba li l-vertenza.... Tirreferi ghall-uzu tal-fond naxxenti minn relazzjoni ta' kera l-Artikolu 37 ma japplikax u dan bit-thaddim tas-subartikolu [2] tal-istess artikolu kostituzzjonali".

*It-Tielet Aggravju tal-Avukat Generali*

18. Dan jirrigwardja l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Jghid inter alia illi l-ewwel Qorti ma kienitx gusta meta sabet li r-rikorrenti garrbu piz eccessiv u sproporzjonat. Dan l-artikolu konvenzjonali ma jiggarantix kumpens shih ghall-generalita' tal-kazijiet kollha b'mod li meta, bhal fil-kaz odjern, il-mizura mehuda mill-iStat ikollha ghan legittimu u tkun saret fl-interess generali, il-kumpens gust jista' jigbed lejh ammont li jkun ferm anqas mill-valur shih li l-proprjeta` ggib fis-suq hieles. Dan l-intimat kompla jispjega hekk dan l-aggravju b'referenza ghall-provi relevanti:

> "Illi mill-provi jirrizulta li skont il-perit ex parte tal-appellati, l-valur lokatizzju tal-fond fuq is-suq huwa ta' EUR 180, 000 fis-sena. Illi l-Perit Tekniku stabilixxa l-valur lokatizzju tal¬-fond fuq is-suq fl-ammont ta' EUR 159, 350 fis-sena (ara r-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar). Illi l-perit ex parte tal¬-esponenti sab li l-valur lokatizzju fuq is-suq huwa dak ta' EUR 93, 500 fis-sena (ara r-rapport tal-Perit Stefan Scotto). Din id¬-diskrepanza fl-ammonti turi li l-valutazzjoni tal-proprejta` hija ghal kollox soggettiva u ghalhekk wiehed irid izomm dan il-fattur ukoll f'mohhu meta jkun qed jikkunsidra x'tikkostiwixxi kumpens gjust. Illi mill-provi rrizulta li l-Bank ihallas EUR 4, 277.80 fis-sena bhala kera (ara c-Cedola ta' Depozitu relattiva ghall-perijodu 1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Gunju 2014 esebita man-Nota tas-27 ta' Frar 2014). L-esponenti jissottometti li gialadarba gie

> accettat mill-ewwel Qorti li l-mizura saret ghal ghan legittimu u fl-interess generali jsegwi ghalhekk li l-kumpens moghti seta' jkun ferm inqas mill-ammont shih li l-proprjeta` ggib fuq is-suq. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata meta kkunsidrat li l-principju tal-proporzjonalita' gie lez gialadarba li fil-kaz bhal dak odjem l-ewwel Qorti ma kellhiex tillimita ruhha ghall-valur lokatizzju fuq is-suq izda kellha tara jekk bl-attenwanti u cioe' bil-fatt li l-mizura kienet in konformita' mal-rekwiziti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni li tippermetti li l-kumpens f'dan ir-rigward il-kera setghat tkun ferm inqas mill-valur lokatizzju fuq is-suq jekk b'dak it-tnaqqis inzammitx il-proporzjonalita'".

19. Barra minn hekk, jissottometti illi [a] r-rikorrenti qatt ma talbu zieda fil-kera quddiem il-Bord skont il-Kap. 69, [b] l-emendi introdotti bl-Att tas-sena 2009 jipprovdu illi l-kirjiet ta' fondi kummercjali ser jispiccaw fl-2028[3] bil-konsegwenza tar-ripreza tal-fond, [c] l-emendi hasbu wkoll ghal awment fil-kera, inizjalment b'15% fis-sena u awment sussegwenti ta' 5% fis-sena sakemm jigi stabbilit il-*Property Market Index* u wkoll, [e] l-emendi poggew l-ispejjez u l-obbligu ta' manutenzjoni straordinarja fuq spallejn l-inkwilin. Tenut kont ta' dawn il-fatturi kolha, jghid li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta sabet li l-element ta' bilanc u proporzjonalita' ma kienx qed jigi rispettat.

*Ir-Raba' Aggravju tal-Avukat Generali*

20. Permezz ta' dan l-aggravju l-Avukat Generali jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba dewmien irragjonevoli in kwantu hija osservat illi, ga ladarba

[3] Art.1531I tal-Kodici Civili

l-proceduri fil-kawza numru 926/89 kienu gew intavolati fis-sena 1989 u gew decizi b'mod definittiv fis-sena 2010, allura bit-trapass taz-zmien gie lez id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti. Dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti huwa li tezamina l-procedura gudizzarja fl-assjem taghha, izda l-ewwel Qorti njorat il-fatt li r-rikorrenti ma pproducew ebda prova li turi li mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien kien kapriccuz u intiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom. Il-fatt li l-kawza tigi deciza fuq punt preliminari wara numru ta' snin ma jfissirx li awtomatikament sehhet lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa kompla jfisser hekk dan l-aggravju:

> "…… l-partijiet kollha fil-kawza thallew itellghu il-provi relevanti kollha li hassew li kellhom jipproducu, inhatar Perit Legali, intalbet in-nomina ta' periti addizzjonali u saru diversi sottomissjonijiet u noti ta' kritika tal-partijiet. L-istess appellati appellaw mid-decizjoni tat-28 ta' Marzu 2008 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u d-decizjoni tal-Qorti talAppell inghatat fil-25 ta' Gunju 2010. Il-fatt li l-kawza giet deciza fuq eccezzjoni preliminari wara ammont [recte: numru] ta' snin ma jfissirx li l-appellati garrbu ksur tal-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq. Illi jrid jinghad ukoll li f'dik il-kawza l-provi ngabru fuq kollox izda eventwalment il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet ikkonkludiet li ma kellhiex gurisdizzjoni u din id-decizjoni kienet giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell. Il-fatt li kawza tigi deciza fuq punt preliminari wara ammont [recte: numru] tas-snin fih innifsu ma jsarrafx f'lezjoni tal-Aritkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (ara Camilleri pro et noe vs Avukat Generali et deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Settembru 2012).
>
> "Illi minn ezami tal-*iter* processwali tal-kawza civili ma jirrizultax li kien hemm xi dewmien attribwibbli lill-awtorita' gudizzjarja izda dak li jirrizulta huwa li l-kawza hadet il-kors taghha u li l-partijiet inghataw opportunita' indaqs li jiddefendu t-tezi taghhom f'dawk il-proceduri."

*Il-Hames Aggravju tal-Avukat Generali*

21. Dan l-aggravju jikkoncerna r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti in

kwantu tat kumpens ta' €1,000,000. Jghid li ma huwiex hu li qed igawdi mill-fond izda hija terza persuna, u anke abbazi ta' dan il-fatt ma huwiex gust li huwa jgorr l-piz kollu wahdu. Jghid li, fil-maggor parti tal-kazijiet, rimedju oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola, u fi kwalunkwe kaz il-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti huwa eccessiv tenut kont tal-fatt li qed nitrattaw kontroll ta' uzu u mhux tehid forzus. Jiccita gurisprudenza nostrana li fiha l-Qorti stabbilit kumpens ferm inqas minn dak odjern u ghalhekk jissottometti li jekk jinghata kumpens oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni, dan ghandu jkun ferm inqas in linea mal-pronunzjamenti kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Ewropea.

22. Il-Bank intimat iwiegeb ghall-appell tal-Avukat Generali, inter alia, billi jopponi ghal dak sottomess minnu fil-hames aggravju fejn jghid illi huwa l-Bank li qed igawdi mill-fond in kwistjoni u ghalhekk anke abbazi ta' dan ma ghandux jigi ordnat ibati l-piz wahdu. Dan l-intimat jirribatti bl-argument li huwa l-Gvern kif rapprezentat mill-Avukat Generali illi jippromulga l-ligiijet u ghalhekk ma ghandux ikun l-Bank intimat li jirrispondi ghall-agir lamentat. Huwa jiccita gurisprudenza nostrana in sostenn ta' dan.

23. Jissottometti li jekk din il-Qorti tikkonferma li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, ir-rimedju ghandu jkun dikjarazzjoni ad hoc kontra l-Gvern kif rapprezentat mill-Avukat Generali, jew

kumpens kontra l-Gvern, ghaliex jekk jigi ordnat jizgombra, il-Bank ikun qed ibati kundanna ghal lezjoni li taghha hu ma kien b'ebda mod risponsabbilita'.

*L-Ewwel Aggravju tar-Rikorrenti*

24. Dan jikkoncerna l-fatt allegat mir-rikorrenti li huma kienu taw il-*congedo* lill-Bank intimat a tenur tal-Artikolu 1568 tal-Kodici Civili. Jghidu li r-rieda taghhom li jitterminaw il-kirja kienet giet espressa wara l-ittra tal-1988[4] billi bdew proceduri gudizzjarji sabiex jitterminaw il-kirja [926/89] u anke b'ittra ufficcjali ohra fejn interpellaw lill-Bank sabiex jivvaka l-fondi. Wara li giet deciza l-kawza huma regghu baghtu ittra ufficjali ohra b'avviz formali fejn tennew ir-rieda taghom li l-Bank intimat jivvaka l-fond.

25. Huma jiccitaw fir-rigward gurisprudenza nostrana fis-sens li ma hemm ebda formalita' kif ghandha tinghata l-*congedo* basta li s-sid ikun indika b'mod inekwivokabbli li huwa ma jixtieqx igedded il-kirja.

*It-Tieni u t-Tielet Aggravju tar-Rikorrenti*

26. Dawn l-aggravji huma bazati fuq is-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-Bank intimat huwa wkoll responsabbli ghall-lezjoni sofferta minnhom.

[4] Fol.3

Jghidu li meta gie format il-Bank of Valletta, il-gvern, bis-sahha tal-ligijiet specjali, jigifieri Att XLV ta-1973 u l-Att IX tal-1974 [a] awtorizza lill-Bank intimat jiehu pussess tal-fondi *de quo*, [b] iddikjara li dak it-tehid ma setax jitqies bhala sullokazzjoni jew assenjazzjoni tal-kirja izda kellu jitqies bhala kontinwazzjoni tal-istess kirja originali, biex b'hekk giet evitata r-restrizzjoni fil-ftehim lokatizzju, kontra l-assenjazzjoni u sullokazzjoni tal-kirja lil terzi.

27. Jissottomettu li l-Bank huwa responsabbli wkoll ghall-lezjoni sofferta mir-rikorrenti in kwantu dan "qed igawdi mill-fond kappriccosament ghaliex ma hemm l-ebda bzonn jew htiega reali ghal Bank sabiex izomm l-istess fond".

28. Ir-rikorrenti jissenjalaw li l-Bank ma ghandu ebda htiega reali li jibqa' jzomm il-fondi. Barra minn hekk jissottomettu li l-eccezzjoni sollevata mill-Bank li hu kull ma ghamel kien li osserva l-ligi ma hijiex gustifikazzjoni ghaliex *lex injusta non est lex,* partikolarment fil-kamp ta' drittijiet fundamentali.

*Ir-Raba' Aggravju tar-Rikorrenti*

29. Permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrenti jtennu li sofrew diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom ghaliex l-Artikolu 12

tal-Att XLV tal-1973 kif emendat mill-Att IX tal-1974 sar specifikament ghal dawk il-propjetajiet mikrija lil National Bank of Malta sabiex ikunu jistghu jigu trasferiti lil Bank of Valleta plc.  L-imsemmi artikolu sar ghal tlieta jew erba' propjetajiet biss, u b'hekk, f'kaz analogu li ma kienx jinvolvi l-Bank, wiehed seta' jitlob ir-ripreza tal-fond minhabba assenjazzjoni, izda fil-kaz odjern dan ma setax isir.  Dan gie konfermat fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fil-25 ta' Gunju 2010 kawza numru 926/1989.

*Il-Hames Aggravju tar-Rikorrenti*

30. Jissottomettu li mehud fuq il-medda ta' snin li ilhom jitolbu b'mod attiv li l-fondi jinghataw lura lilhom, il-kumpens moghti mill-ewwel Qorti ta' €1,000,000 huwa wiehed baxx.  Dan qed jinghad tenut kont li, skont il-perit gudizzjarju, dawn flimkien ghandhom valur lokatizzju fis-suq hieles ta' £159,000, kif ukoll tenut kont li l-ewwel avviz ta' *congedo* kien sar fis-sena 1974, u fis-sena 1989 inbdew il-proceduri gudizzjarji ghat-terminazzjoni tal-kirja.

31. Apparti minn hekk rimedju monetarju wahdu ma jipprovdi ebda soluzzjoni ghall-futur u ghalhekk ma jistax jitqies bhala rimedju adegwat. Ghalhekk ir-rimedju ghandu jkun ukoll ordni li l-fond vakanti jinghata lura lilhom.

32. L-Avukat Generali jwiegeb ghall-appell tar-rikorrenti, inter alia, billi jissottometti illi l-aggravju tar-rikorrenti li huma taw congedo jkompli jsahhah l-aggravju tieghu illi r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji a disposizzjoni taghhom.

33. Dwar ir-raba' aggravju fejn l-appellanti jissottomettu illi sofrew diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom, jghid illi dak li jrid jigi ipprovat huwa illi l-allegat trattament ikun wiehed differenti minn dak li jkun inghata lil persuni ohra li jkunu fl-istess sitwazzjoni bhal dak tal-lanjant. Jissottometti illi skont gurisprudenza Ewropea mhux kull 'distinzjoni' necessarjament tammonta ghal 'diskriminazzjoni'. Ir-rikorrenti ma gabu ebda prova li terzi li kienu fl-istess sitwazzjoni taghhom gew trattati b'mod differenti. In kwantu ma huma qed jinghataw ebda trattament differenti minn sidien ta' proprjeta` li tinsab fl-istess qaghda legali taghha, ma hemm ebda diskriminazzjoni.

34. Dwar il-hames aggravju fejn ir-rikorrenti jitolbu r-ripreza lura tal-fond, jiccita gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u dik nostrana fejn il-Qorti ma ordnatx l-izgumbrament, u jissottometti illi tali aggravju huwa infondat.

35. Il-Bank intimat iwiegeb ghall-appell tar-rikorrenti billi jghid li fit-

talba taghhom ghar-ripreza tal-pusses tal-fond, anke r-rikorrenti juru li huma konsapevoli li dan imur kontra l-gurisprudenza kostanti nostrana. Il-Bank kellu dritt u dover jimxi skont il-Ligi u anke kieku [ghalkemm kontestat] huwa nghata *congedo*, huwa xorta kien qed jokkupa l-fond b'titolu validu fil-ligi. Jikkwota gurisprudenza nostrana fis-sens illi huwa l-Gvern biss li ghandu jirrispondi ghal domandi fi proceduri kostituzzjonali.

36. Jghid izda illi, jekk huwa jigi ordnat li jizgombra mill-fondi jew ihallas kumpens, huwa jkun qed jissubixxi kundanna ghal fatt leziv tal-kostituzzjoni u tal-konvenzjoni li ghalih huwa ma ghandu ebda responsabbilta', stante li dak li ghamel il-Bank kien li osserva l-Ligi.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

*L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Generali*

37. F'dan l-aggravju l-Avukat Generali jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji meta fil-fatt u fil-ligi kellu rimedju ordinarju accessibbli u effettiv provdut fl-Artikolu 8 u 9 tal-Kap. 69 ghar-ripreza tal-fond.

38. Din il-Qorti fl-ewwel lok tinnota illi l-Artikli 8 u 9 tal-Kap. 69 jipprovdu restrittivament ghal talba sabiex, fil-konkorrenza ta' cirkostanzi

indikati fl-Artikolu 9, sid il-kera jirriprendi lura l-pussess tal-fond fi tmiem il-kirja, u ghal kazijiet li fihom it-talba għall-pussess lura tal-fond tista' tiġi milqugha mill-imsemmi Bord.

39. Fil-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrenti ma kienux baqghu passivi ghar-rivendikazzjoni tad-drittijiet taghhom, tant li fis-sena 1989 fethu kawza [926/89] quddiem il-qrati ordinarja, senjatament quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, *inter alia*, ghar-ripreza tal-fondi *de quo* liema talba kienet bazata fuq il-kawzali principali li kien sar trasferiment tal-inkwilinat u ghal ksur tal-ftehim lokatizju b'mod li allura l-okkupazzjoni da parti tal-Bank intimat kienet priva minn titolu legali. Jirrizulta li dawk il-proceduri damu ghaddejjin 20 sena sal-25 ta' Gunju 2010 meta gie finalment deciz mill-Qorti tal-Appell li l-kawza ma kienitx ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, stante li l-kirja ma kienitx tal-avvjament izda tal-fondi infushom [bare premises] u ghalhekk il-kirja tal-fondi kienet protetta bil-Kap. 69. Wara li nghalqu dawk il-proceduri r-rikorrenti procedew bil-proceduri kostituzzjonali odjerni.

40. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet**, fejn din il-Qorti rribadiet li:

> "...Ium huwa assodat fil-gurisprudenza li biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tal-atturi. M'huwiex necessarju

> success garantit, basta li r-rikorrent ikollu lopportunita' fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' dik il-ligi [vide fost ohrajn Q. Kos. Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs, deciza fis-16 Jannar 2006 u iktar recenti Q. Kos. Rea Ceramics Limited [C 23288] v. Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubbika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha, deciza fit-18 ta' Lulju 2014].
>
> "10. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex, min-naha wahda l-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfacciati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom kienu jezistu rimedji ohrajn effettivi u, min-naha l-ohra, sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni."

41. Issir referenza wkoll ghas-sentenza PA [kompetenza kostituzzjonali] moghtija fil-15 ta' April 2014 fil-kawza **Lawrence Grech et v. it-Tabib Principali tal-Gvern [Sahha Pubblika] et**[5], fejn gew elenkati s-segwenti principji li huma applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

> "…[b] li d-diskrezzjoni li tuza' l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha ; [c] m`hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu ; [d] in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m`huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu ; [e] in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent …"

[5] Deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2015

42. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li ghaddew ‘il fuq minn 20 sena minn meta bdew il-proceduri gudizzjarji da parti tar-rikorrenti biex jirriprendu l-pussess tal-fondi taghhom, u tenut ukoll kont tal-fatt li dak iz-zmien sakemm instemghu l-provi ma kienx jirrizulta daqstant car li l-kompetenza kienet tal-Bord u mhux tal-qrati ordinarji, l-ewwel Qorti ghamlet sew li, wara li ghadda dak iz-zmien kollu, ma iddeklinatx li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha u, minflok, ghazlet li tinvesti l-meritu kostituzzjonali, *multo magis* meta wahda mill-lanjanzi kostituzzjonali hija lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq proprju minhabba z-zmien twil li ghadda sakemm gew defenittivament konkjuzi dawk il-proceduri.

43. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju tal-Avukat Generali*

44. Permezz ta’ dan l-aggravju, l-Avukat Generali jissottometti illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ikkonkludiet illi l-Artikolu 37 huwa applikabbli ghall-kaz odjern in kwantu ma kienx hemm tehid forzus tal-proprjeta`.

45. Fir-rgiward din il-Qort tosserva li l-artikolu kostituzzjonali fuq citat jiddisponi li –

> "..ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub, b'mod obligatorju……"[6]

46. Mid-dicitura ta' dan il-provvediment kostituzzjonali jirrizulta car li l-ligi riedet li tinghata interpretazzjoni wiesgha ghall-oggett tat-tehid, li jista' jkun kull "interess" jew "dritt" fi proprjeta` "ta kull xorta" mobbli u immobbli.[7]

47. Jigi osservat li, ghalkemm il-kaz odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-tehid ta' interess fi proprjeta` ghal skopijiet ta' kirja, dan it-tehid ta' interess tant hu rigidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bhala sidien mill-uzu u mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom. Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gurisprudenza indikata mill-Avukat Generali li tghid li l-kontroll ta' uzu u tgawdija ta' proprjeta` huwa ezenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni, hi tal-fehma li f'dan il-kaz non si tratta semplicement ta' kontroll ta' uzu izda si tratta ta' tehid ta' interess fi proprjeta` u ghalhekk jaqa' fil-protezzjoni tal-artikolu kostituzzjonali fuq citat.

---

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti
[7] Q.Kos. **Il-Perit Joseph Barbara v. Onor.Prim Ministru** , deciza 20 ta' Jannar 1989

48. Applikati l-principji su-citati ghall-kaz odjern, din il-Qorti tosserva li taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

49. L-intimat jissottometti ulterjorment li: "gjaladarba li l-vertenza li kellha quddiemha [l-ewwel Qorti] kienet tirreferi ghall-uzu tal-fond naxxenti minn relazzjoni ta' kera l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax u dan bit-thaddim tas-subartikolu 2 tal-istess artikolu..". F'dan ir-rigward jidher li l-Avukat Generali qed jirriferi ghas-subinciz 2 [f] li jaqra hekk:

> "[2] Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta` - ….
>
> "[f] bhala incidentali ghal kirja, licenzja, privilegg jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, plegg jew kuntratt iehor;"

50. Kuntrarjament ghall-interpretazzjoni li l-Avukat Generali qed jaghti lil dan is-subinciz, u senjatament lill-paragrafu [f], il-Qorti tosserva li din id-dispozizzjoni ma tfissirx li l-iStat jista' jimponi kirjiet jew ipoteki fuq proprjeta` ta' terzi minghajr kumpens, izda tfisser li sid ta' post ma jistax jinvoka l-protezzjoni ta' dan l-artikolu jekk it-tehid tal-pussess jew akkwist ikun konsegwenza ta' obbligi volontarjament assunti minnu taht, per ezempju, kostituzzjoni ta' ipoteka, kirja, applikazzjoni ghal licenzja u fl-ipotesijiet l-ohra previsti fil-paragrafu imsemmi.

51. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex fondat u qed jigi respint.

*It-tielet aggravju tal-Avukat Generali*

52. L-Avukat Generali jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Jilmenta wkoll minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn dik il-Qorti ikkonkludiet li r-rikorrenti garrbu piz eccessiv jew sproporzjonat.

53. Fis-sentenza taghha **Attard and Zammit Cassar v. Malta** moghtija fit-30 ta' Lulju 2015, l-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

> "57. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State's interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden [see James and Others, cited above, § 50, and Amato Gauci, cited above, § 57].
>
> "58. In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the extent of the State's interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State's conduct [see Immobiliare Saffi

v. Italy, [GC], no. 22774/93, § 54, ECHR 1999-V, and Broniowski, cited above, § 151][8]".

54. Fir-rigward din il-Qorti tosserva illi l-mizura legislattiva tal-iStat li tirregola l-uzu tal-proprjeta` tar-rikorrenti tissodisfa r-rekwizit tal-legalita' stante li tohrog mill-ligi u precizament mid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69. Huwa pacifiku wkoll li l-mizura ghandha ghan legittimu in kwantu dawk id-dispozizzjonijiet huma intizi sabiex jipprovdu ghall-akkomodazzjoni socjali fejn l-iStati Membri ghandhom margini ta' diskrezzjoni wiesgha, izda mill-banda jirrizulta manifest li hemm ksur tal-principju ta' proporzjonalita' naxxenti mid-differenza kbira li tezisti bejn l-ammont ta' kera percepit mir-rikorrenti ta' €4,277.80 fis-sena u minn naha l-ohra l-valur lokatizzju fis-suq hieles fl-ammont annwu ta' €159,350 kif stabbilit mill-perit gudizzjarju. Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti li din id-diskrepanza fil-kera percepita mir-rikorrenti skont il-ftehim lokatizzju, liema kera tinsab protetta bil-ligi specjali tal-kera fuq indikata, u dik potenzjalment percepibbli fis-suq hieles jimponu fuq ir-rikorrenti piz eccessiv u sproporzjonat. Dan johloq zbilanc ingust u manifest bejn l-interessi tas-socjeta` in generali u d-dritt tal-proprjeta` tar-rikorrenti.

55. Rigward l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 din il-Qorti tosserva li dawn l-emendi ghall-Kodici Civili ma jistghux ikunu ta' konfort ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti in kwantu dawn ilhom zmien twil jissubixxu l-

[8] Applik. Nru. 1046/12, para 57, 58

lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom. Inoltre, skont l-Artikolu 1531I tal-Kodici Civili, li dahal fis-sehh permezz tal-imsemmi Att, il-possibilita' li dawn jirriprendu l-fond taghhom tiskatta wara 20 sena dekorribbli mis-sena 2008 u ghalhekk ghad fadal 12 il sena ohra sabiex ir-rikorrenti jkunu fil-pozizzjoni li jirreklamaw id-dritt ordinarju taghhom taht l-artikolu precitat. Sadanittant huma jibqghu kostretti ghal dan iz-zmien kollu li jircevu l-kera tenwa li qed idahhlu fil-prezent u jibqghu jgorru piz eccessiv u sproporzjonat.

56. Barra minn hekk il-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jadixxu lill-Bord biex jiksbu awment fil-kera m'ghandux jimmilita kontra taghhom stante li l-kriterji[9] rigidi li bihom huwa marbut il-Bord fil-komputazzjoni tal-awment fil-kera ma jippermettux awment li jkun proporzjonat fic-cirkostanzi tal-kaz.

57. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti tikkonferma s-sejba ta' lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

58. Ghaldaqsant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

[9] Art.4 Kap.69

*Ir-Raba' Aggravju tal-Avukat Generali*

59. F'dan l-aggravju, l-Avukat Generali jikkontesta s-sejba mill-ewwel Qorti ta' lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri 926/1989 fl-ismijiet **Vincent Curmi noe et v. Joseph Tabone noe**.

60. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Avukat Generali** deciza fis-27 ta' Mejju 2016, fejn din il-Qorti enuncjat:

> "15. Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessita' tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.'[10]
>
> "16. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, fejn inghad:
>
> "21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.
>
> "22. Jinsab ritenut illi:
>
> "As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited].

[10] ECHR, Gordeyev vs Russia [Application no. 40618/04] 5/02/2015

"…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited]."[11]

"23. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika.[12] Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."[13]

61. Fil-kaz odjern, is-sekwenza tal-fatti, relevanti kienet is-segwenti. Ir-rikorrenti [allura atturi] intavolaw citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Awissu 1989, kontra l-Bank intimat fejn talbu lill-Qorti sabiex: prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenut nomine [il-Bank intimat] qieghed jokkupa l-fond fuq imsemmi numru 1/5 Palace Square u 132, 133, 134 u 135, Strait Street, Valletta minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dan fic-cirkostanzi u minhabba r-ragunijiet premessi; tordna l-izgumbrament tal-konvenut nomine mill-imsemmija fondi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss; tiddikjara li l-istess konvenut *nomine* responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi; tillikwida dawn id-danni u tordna l-hlas taghhom.

[11] Grand Chamber, Kendrion NV v. European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97
[12] Q. Kos. **Emanuela Brincat v. L-avukat Generali**, 21/2/1996 [Vol.80]
[13] Q. Kos. **Zakkarija Calleja v. L-Avukat Generali**, 15/12/2015

62. B'nota tal-eccezzjonijietipprezentata fid-9 ta' Ottubru 1989, il-konvenut nomine eccepixxa li: l-atturi jridu jippruvaw it-titolu li jallegaw li ghandhom sabiex jistitwixxu din il-kawza; ma sar l-ebda trasferiment tad-dritt tal-inkwilinat kif allegat; li ghandhom titolu ta' kera u li l-kera hija protetta mill-provvedimenti tal-**Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Fondi Urbani** [il-kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta].

63. Jirrizulta mill-*iter* processwali ta' dik il-kawza illi fl-4 ta' Dicembru 1989, kien tqabbad perit legali[14] li beda jisma' l-provi regolarment, izda kien biss fil-15 ta' Gunju 1992, jigifieri sentejn u nofs wara, illi l-atturi iddikjaraw l-provi taghhom ezawriti u li l-kawza setghet ghalhekk tithalla ghall-provi tal-konvenuti. Waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 1994[15] gie dikjarat mid-difensur tal-attur illi l-provi quddiem il-perit legali kienu migbura u kien jonqos biss illi jsiru s-sottomissjonijiet. Minn dakinhar, segwew numru ta' differimenti, bl-intiza illi r-rikorrenti jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.[16] Kien biss wara li sahhansitra l-Qorti iddiferiet il-kawza *sine die* riappuntabbli mill-atturi meta jkunu f'posizzjoni li jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom,[17] illi fil-31 ta' Awissu 1998 l-atturi ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jigifieri kwazi erba' snin minn mindu l-kawza thalliet ghal tali

[14] Cit.629/1989 – Fol.25
[15] Ibid. – Fol.41
[16] Ghalkemm jinghad ukoll illi fis-17 ta' Gunju 1996 [fol 44] il-kawza giet differita sabiex tinstema` minn imhallef iehor, izda peress illi l-Imhallef li quddiemu giet assenjata l-kawza kien wiehed mill-atturi nomine, astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kawza u kien fit-13 ta' Frar 1997 [fol 48] li l-kawza giet assenjata lil imhallef gdid, u differita ghall-21 ta' Marzu 1997 ghall-prosegwiment.
[17] Cit.629/89 – Fol.54

skop. Is-socjeta` konvenuta pprezentat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha fis-26 ta’ Jannar 1999, u fid-29 ta’ Jannar 1999, giet ipprezentata r-relazzjoni tal-Perit Legali li giet mahlufa waqt is-seduta tat-28 ta’ Mejju 1999.

64. Jirrizulta mill-atti tal-proceduri imsemmija illi fit-2 ta’ Gunju 1999, is-socjeta` konvenuta ghamlet talba ghal nomina ta’ periti addizzjonali, liema nomina saret fid-29 ta’ Ottubru 1999[18]. Minn dakinhar bdew numru ta’ differimenti ghar-relazzjoni, u fl-14 ta’ Novembru 2006, kwazi sitt snin wara, gie ipprezentat ir-rapport tal-periti addizzjonali [fol 135].[19] Ta’ interess ghall-kawza odjerna huwa l-fatt illi fil-31 ta’ Ottubru 2003, il-kawza thalliet ghan-noti tal-partijiet sabiex wara l-periti addizzjonali jkunu jistghu jghaddu ghar-rapport[20], izda l-atturi nomine ipprezentaw in-nota taghhom fil-21 ta’ Ottubru 2004, wara li l-Qorti, fid-dawl tan-nuqqas tal-atturi illi jipprezentaw tali nota ghal diversi xhur, kienet ga idderigiet lill-periti addizzjonali illi jghaddu ghar-rapport

65. Din il-Qorti tinnota wkoll illi l-atturi[21] kienu ipprezentaw rikors sabiex jitolbu lill-Qorti tirrevoka l-inkarigu tal-periti addizzjonali in kwantu n-nomina taghhom kienet ilha li saret bosta snin u l-kawza kienet ilha

[18] *Ibid*. – Fol.86
[19] Jinghad illi tnejn mill-Periti nominati mill-Qorti gew elevati ghall-gudikatura fil-mori tal-inkarigu taghhom u ghalhekk kellhom jigu sostitwiti. Fol.135
[20] Waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2002, l-Qorti kienet ga halliet il-kawza ghad-29 ta' April 2002, sabiex id-difensur tal-atturi jipprezenta n-nota responsiva tieghu ghan-nota ta' kritika pprezentata mis-socjeta` konvenuta fil-5 ta' Frar 2001.
[21] Cit.629/89 – Fol.124

ghaddejja sa mis-sena 1989. Fir-risposta taghha[22], is-socjeta` konvenuta issollevat il-fatt illi l-atturi nfushom hadu bosta snin sabiex ghalqu l-provi u sabiex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom quddiem il-periti perizjuri.

66. Mid-data ta' meta l-periti perizjuri halfu r-rapport fil-15 ta' Jannar 2007[23] sakemm inghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti fit-28 ta' Marzu 2008, ma jidhirx li kien hemm xi dewmien barra min-normal. Lanqas ma jirrizulta mill-atti li kien hemm dewmien irragjonevoli quddiem il-Qorti tal-Appell in kwantu ghalkemm l-atturi noe ipprezentaw ir-rikors tal-appell taghhom fis-16 ta' April 2008, l-appell gie appuntat ghat-12 ta' April 2010, u s-sentenza finali inghatat biss xahrejn wara, jew ahjar fil-25 ta' Gunju 2010.

67. Huwa car ghal din il-Qorti illi l-kawzi magguri tad-dewmien fil-proceduri 926/1989 kienu d-dilungar da parti tal-atturi li jressqu l-provi taghhom u sussegwentement dilungar ta' erba' snin sabiex jaghmlu n-nota tal-osservazzjonijiet taghhom u z-zmien ta' sitt snin li hadu l-perizji addizzjonali sabiex jipprezetnaw ir-rapport taghhom liema zmien huwa parzjalment gustifikat in kwantu tnejn minn dawn il-periti gudizzjarji kellhom jigu sostitwiti minhabba li kienu gew elevati ghall-gudikatura.

---

[22] *Ibid*. – Fol.127
[23] *Ibid*. – Fol.134

68. Rigward it-test tal-kumplessita', din il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-kaz kien ta' xi komplessita' oltre l-medja, u ghalhekk l-istat ma jistax jigi ezonerat mir-responsabbilta' ghad-dewmien ta' 21 sena sakemm gew konkluzi dawk il-proceduri.

69. Dwar id-dewmien ikkawzat fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu da parti tal-esperti nominati minn qorti, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Wohlmeyer Bau GMBH v. Austria**[24] deciza fit-8 ta' Lulju 2004, dik il-Qorti osservat li:

> "The Court notes in this context that an expert's work in the context of judicial proceedings is supervised by a judge who remains responsible for the preparation and speedy conduct of the proceedings [see, among other authorities, Peryt v. Poland, no. 42042/98, § 57, 2 December 2003]".

70. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm tirrizulta l-lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fil-konfornt tar-rikorrenti [allura atturi] minhabba d-dewmien esagerat li hadu l-periti perizjuri sabiex jiffinalizzaw l-inkarigu taghhom, id-dewmien esagerat ikkagunat mill-istess rikorrenti kien tant manifest u tant ikkontribwixxa ghat-tul taz-zmien li hadu dawk il-proceduri li dan huwa kaz fejn dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt fundamentali ghandha titqies bhala fiha nnifisha rimedju sufficjenti.

71. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint suggett ghall-konsiderazzjonijiet premessi.

[24] Applic No 20077/02

*L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Aggravju tar-Rikorrenti*

72. Dawn huma indirizzati lejn il-Bank intimat. L-ewwel aggravju jirreferi ghall-fatt illi, skont ir-rikorrenti, kien inghata l-*congedo* u b'hekk il-Bank huwa wkoll responsabbli ghall-lezjoni sofferta minnhom in kwantu baqa' jgawdi l-fond "kapriccozament".

73. Din il-Qorti tosserva illi l-provi migjuba mir-rikorrenti dwar l-allegat *congedo* jiccentraw madwar kopja informali ta' ittra ufficjali mibghuta f'Marzu 1988 lil Frank Xerri de Caro ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank intimat li tikkontjeni interpellazzjoni ghall-hlas tad-danni allegatament subiti bid-detenzjoni abbusiva tal-fondi, kif ukoll interpellazzjoni sabiex jizgombra mill-istess; ittra legali lill-Managing Director tal-Bank datata, 10 ta' Awissu 1974 li permezz taghha gie infurmat illi r-rikorrenti kienu qed ihejju l-karti sabiex jistitwixxu proceduri ghar-ripreza tal-fond, u x-xhieda tar-rikorrenti Vincent Curmi innifsu illi jixhed illi fis-sena 1988 kienu taw il-*congedo* lill-Bank u bdew proceduri sabiex jitterminaw il-kera wara ghoxrin sena, izda dawn gew decizi fis-sens li minhabba l-protezzjoni li taghti l-ligi in kwistjoni ma setghu jaghmlu xejn.

74. Ir-rikorrenti jsostnu illi huma kienu taw il-*congedo* lill-Bank, mhux darba biss f'Marzu 1988 izda bosta drabi, u dan abbazi tal-Artikolu

1568[25] tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma jissenjalaw li skont il-gurisprudenza l-kongedo jista' jsir b'kull mod basta li s-sid jimmanifesta kjarament ir-rieda kuntrarja tieghu ghall-issuktar tal-lokazzjoni.[26]

75. Din il-Qorti hi tal-fehma kuntrarja ghal dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u ssostni li mill-provi jirrizulta li l-kongedo kien inghata zgur sa mill-anqas mis-sena 1989 meta r-rikorrenti fethu l-kawza numru 926/89. Ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrenti ma ezercitawx dan ir-rimedju moghti lilu mill-ligi ordinarja, preordinat ghall-izgumbrament.

76. Ghaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh izda madankollu fid-dawl ta' dak li ser jinghad fil-paragrafi segwenti dan ma ghandu l-ebda effett fuq l-ezitu ta' dan l-appell.

77. Rigward it-tieni u t-tielet aggravji mressqa mir-rikorrenti, din il-Qorti tosserva li kif jghidu l-istess rikorrenti, il-Bank intimat gie awtorizzat jiehu l-pussess tal-fond *de quo* u jkompli l-kirja originali, bis-sahha ta' zewg ligijiet promulgati appozitament ghal dan l-iskop. Ghalhekk il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti tikkonfigura propju minn dawk il-ligijiet specjali. Kull ma ghamel il-Bank intimat kien li aderixxa ruhu mal-ligi, u ghalhekk ma jistax jitqies responsabbli ghal-lezjoni

---

[25] Dan jipprovdi hekk – "Iżda, għal dak li hu bini, meta ż-żmien tal-kiri hu preżunt kif jingħad fl-artikolu 1532, il-kiri ma jispiċċax bl-egħluq taż-żmien kemm-il darba sid il-kera ma jagħtix avviż lill-kerrej, jew dan lil dak, mill-anqas xahar qabel, jekk iż-żmien preżunt tal-kiri hu għal sena, jew ħmistax-il gurnata qabel, jekk dan iż-żmien hu għal anqas minn sena."

[26] App.Inf. 58/2000 **Joseph Testaferrata Bonici et v. Perit Carmelo Bonanno**, deciza 7 ta' Lulju 2003

kostituzzjonali, la *in toto* u lanqas *in parte*, ghax huwa l-Istat li hu responsabbli ghal-lezjoni tad-dritt fundamentali li sehh permezz ta' intervent legislattiv u mhux l-individwu li jkun qed jokkupa l-fond bis-sahha tal-ligi.

78. Ghaldaqstant it-tieni u t-tielet aggravji huma infondati u qed jigu respinti.

*Ir-Raba' Aggravju tar-Rikorrenti*

79. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx li r-rikorrenti sofrew minn diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali taghhom a tenur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

80. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **John Caruana et v. Kummissarju tal-Artijiet** deciza fit-31 ta' Ottubru 2014, fejn inghad:

> "Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:
>
> > "It-tgawdija tad-drittijiet jew libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."
>
> "28. Kif affirmat, kemm fil-gurisprudenza lokali, kif ukoll f'dik Ewropea:

> "......... the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analagous situations without providing an objective and reasonable justification."[ECHR Wessels-Bergovoet v. The Netherlands, deciza 4 Settembru 2002; ECHR Frette v France, deciza 26 Frar 2002, para.34; u Zarb Adami v. Malta, deciza 20 Gunju 2006; u wkoll, QK Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali – deciza 24 Gunju 2011].

> "29. Fil-kaz in dizamina ma giet allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi mottiv ta' status kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel Qorti ma indikat ebda motiv formanti l-bazi tad-diskriminazzjoni, ghajr ghall-fatt li proprjetarji tal-art adjacenti ghal taghhom esproprijata ghall-istess skop thallsu kumpens. Il-Qorti tosserva li mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati [Ara Kaz Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz Carson u Ohrajn v. UK § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010; Qorti Kostituzzjonali Enrietta Bianchi et v. Avukat Ġenerali et, 24 Ġunju 2011; Qorti Kostituzzjonali Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Generali 28 Settembru2012; Qorti Kostituzzjonali Lawrene Grech v. L-Avuvkat Generali,31/1/2014]."

81. Kif tajjeb jissottometti l-Avukat Generali fir-risposta tieghu, ir-rikorrenti ma gabu ebda prova li turi illi xi persuna fl-istess pozizzjoni taghhom giet trattata b'mod differenti u lanqas indikaw xi motiv formanti l-bazi tad-diskriminazzjoni. Ghall-kuntrarju, jikkonfermaw illi dawk il-ftit propjetajiet li jaqghu taht l-istess deskrizzjoni tal-proprjeta` tal-atturi u konsegwentement is-sidien li qeghdin fl-istess qaghda legali tal-atturi, gew trattati u ntlaqtu bl-istess mod, u ma gie bl-ebda mod ippruvat illi r-rikorrenti qeghdin jigu trattati b'mod differenti a bazi ta' xi status skont it-termini tal-artikolu konvenzjonali in dizamina. Ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghal sejba ta' lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

82. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

*Il-Hames aggravju tar-Rikorrenti u l-Hames aggravju tal-Avukat Generali*

83. Dawn l-aggravji huma konnessi, inkwantu jikkoncernaw ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti. Dwar il-*quantum* tal-kumpens akkordat lir-rikorrenti, fl-ammont ta' €1,000,000, filwaqt li l-Avukat Generali jikkontendi illi dan il-kumpens huwa esagerat, ir-rikorrenti jissottomettu illi ghandu jkunu oghla minn dak fissat. Ir-rikorrenti jissottomettu wkoll illi r-rimedju moghti lilhom ghandu jinkludi ordni li l-fondi jinghataw lura lilhom vakanti.

84. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fid-29 ta' April 2016 fl-ismijiet **Raymond Cassar Torreggiani et v. Avukat Generali u John u Christine konjugi Tabone** fejn din il-Qorti ghamlet l-osservazzjonijiet segwenti relevanti ghal kaz odjern.

> "Issa, ghalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' lezjoni tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax necessarjament ma' likwidazzjoni ta' danni civili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali ghandhom jigu injorati ghall-finijiet tal-ezercizju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti ghall-kaz odjern sabiex tasal ghad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma: [1] it-tul ta' zmien li ilha ssehh il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul taz-zmien li r-rikorrenti damu sabiex ressqu l-proceduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali taghhom; [2] il-grad ta' sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jigi percepit ma' dak li jista' jigi percepit fis-suq hieles, konsidrat ukoll l-ghan socjali tal-mizura; [3] id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti ……… u [4] l-ordni li ser taghti

din il-Qorti dwar l-ezenzjoni f'dan il-kaz mill-effetti legali tal-Artikolu 5 tal-Kap.158[27]".

85. Dwar il-quantum ta' kumpens li ghandu jkun dovut, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq riportati, tenut kont tat-trapass taz-zmien, jigifieri 23 sena mit-30 ta' April 1987, li r-rikorrenti u l-awturi fid-dritt taghhom hallew jghaddi qabel istitwew l-odjerni proceduri; tenut kont ukoll tal-grad ta' sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jigi percepit paragunat ma' dak li jista' jigi percepit fis-suq hieles minn naha wahda, u minn naha l-ohra tenut kont tar-rimedju li ser jinghata aktar l-isfel permezz ta' dan il-gudizzju, tikkonsidra li l-ammont fuq stabbilit mill-ewwel Qorti ghandu jigi ridott ghal €25,000 liema ammont ghandu jithallas mill-intimat Avukat Generali lir-rikorrenti.

86. Dwar l-ilment tal-Avukat Generali illi in kwantu huwa l-Bank intimat dak li qieghed igawdi mill-fond, allura ma ghandux ikun hu wahdu li jgorr il-piz kollu, din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti illi in kwantu l-imsemmija lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hija naxxenti minn strumenti statutorji, u in kwantu kull ma ghamel u kull ma qieghed jaghmel il-Bank intimat huwa li juzufruwixxi minn provvedimenti tal-ligi applikabbli u li ghadhom vigenti b'mod li allura ma kienx u mhuwiex fi stat ta' illegalita`, m'ghandux ibati konsegwenzi tal-agir tieghu, in linea mal-massima - *qui suo iure utitur, non videtur*

[27] Fil-kaz odjern l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini [il-Kap.69] u l-Atti gja citata promulgati fis-snin 1973 u 1974

*damnum facere";* imma ghandu jkun l-intimat Avukat Generali wahdu li jerfa' l-piz ta' tali rimedju u konsegwentement ihallas il-kumpens stabbilit permezz ta' dan il-gudizzju.

87. Dwar it-tieni parti tal-aggravju tar-rikorrenti li permezz tieghu qed jitolbu illi r-rimedju moghti ghandu jinkludi wkoll radd lura lilhom tal-fond vakanti, din il-Qorti fl-ewwel lok tirribadixxi li l-proceduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jigi deciz jekk inkwilin ghandux jigi zgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-kaz. Dak li, ghal kuntrarju, huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-kaz li jinstab li ligi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik il-ligi ma tistax tibqa' tinghata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm l-applikazzjoni taghha tkun leziva ghad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti. F'dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Frendo Randon and Others v. Malta** [App. 2226/10] moghtija fit-22 ta' Frar 2012:

> "16. As the Court has held on a number of occasions, a judgment in which the Court finds a breach imposes on the respondent State a legal obligation to put an end to the breach and make reparation for its consequences in such a way as to restore as far as possible the situation existing before the breach (see Ietridis v. Greece (just setistsction) [GC}, no. 31107/96 §32, ECHR 2000- XI, andhh Guiso-Gsllissy v. Italy Oust satisfaction) [GC], no. 58858/00, § 90, 22 December 2009). The Contracting States that are parties to a case are in principle free to choose the means whereby they will comply with a judgment in which the Court has found a breach. This discretion as to the manner of execution of a judgment reflects the freedom of choice attached to the primary obligation of the Contracting States under the

Convention to secure the rights and freedoms guaranteed (Article 1). If the nature of the violation allows of restitutio in integrum it is the duty of the State held liable to effect it, the Court having neither the power nor the prscticsl possibility of doing so itself It; however, national law does not allow - or allows only partial reparation to be made for the consequences of the breach, Article 41 empowers the Court to afford the injured party such satisfaction as appears to it to be appropriate."

88. Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Michael Angelo Briffa et v. Nadia Merten**[28], deciza fl-24 ta' April 2015, fejn din il-Qorti osservat:

"15. Dwar ir-rimedju – jekk dan għandux ikun l-iżgumbrament mitlub mill-atturi jew kundanna tal-gvern għall-ħlas ta' danni – din il-qorti tosserva illi l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jgħid ċar illi "jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, ... ... ... il-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett". Il-qorti għalhekk, jekk issib ksur tal-Kostituzzjoni, ma tistax tħalli illi, bis-saħħa tal-art. 12[4] tal-Kap. 158, issir il-konverżjoni taċ-ċens għax jekk tagħmel hekk tkun qiegħda tħalli li jingħata effett lil liġi wkoll safejn tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.

"Ir-rimedju għalhekk jista' jkun biss illi l-qorti taqta' l-kawża bħallikieku l-art. 12[4] ma għandu ebda effett, i.e. billi ma tħallix illi sseħħ il-konverżjoni, bil-konsegwenza illi l-konvenuta tibqa' bla titolu.

"59. Fis-sentenza gja citata fl-ismijiet **Cassar Torreggiani vs Avukat Generali et** deciza fid-29 ta' April 2016, din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar ir-rimedju ta' zgumbrament:

"……. din il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu illi l-intimati Tabone qeghdin igawdu minn sitwazzjoni li tohrog mil-ligi domestika li ghadha fis-sehh u li ghalhekk ghall-finijiet ta' dik il-ligi huma ma humiex qeghdin fi stat ta' illegalita', tenut kont il-piz eccessiv u sproporzjonat li qed igorru r-rikorrenti sabiex l-intimati Tabone jkunu jistghu jibqghu igawdu minn dak il-provvediment, l-ewwel Qorti kienet korretta u gusta meta ordnat illi dawn l-intimati ma ghandhomx jibqghu jistriehu fuq id-dispozizzjoni ta' dik il-ligi.

"49. Din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fil-kawza **Dr. Cedric Mifsud et v. L-Avukat Generali et**, deciza fil-31 ta' Jannar 2014: '40. ….. jekk tordna biss il-hlas ta' danni u thalli illi l-ligi jkompli jkollha effett [bejn il-partijiet], il-qorti tkun qieghda effettivament tippermetti li jkompli jtul fiz-zmien stat ta' anti kostituzzjonalita'….. Flok ittemm stat ta' ksur tad-drittijiet fondamentali, il-Qorti tkun qieghda tippermetti li jitkompla bil-kondizzjoni tal-hlas tad-danni, meta dak li jridu l-ligijiet li jharsu d-

[28] App.S 316/2009

> drittijiet fondamentali hu li dawk id-drittijiet jitharsu tassew, u mhux ikomplu jinkisru basta jithallsu danii, bhallikieku l-hlas tad-danni huwa licenza ghall-ksur kontinwat tad-drittijiet fondamentali.'"
>
> "……………….. omissis………………………
>
> "51. ………Din il-Qorti hi tal-fehma illi, galadarba giet kostatata vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi ma nzammx bilanc gust bejn l-interessi tas-sid u l-ghan socjali li l-ligi in kwistjoni trid tilhaq, l-ewwel haga li trid tigi indirizzata hija l-izbilanc riskontrat u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet dan billi fl-ewwel lok ordnat il-hlas ta' kumpens lir-rikorrent, u fit-tieni lok billi iddecidiet li l-intimati konjugi Tabone ma setghux jibqghu jistriehu fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 158. Kieku ma ghamlitx hekk il-Qorti ma kenitx tkun timxi kif irid l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni li jghid li ligi ordinarja safejn inkonsistenti mal-Kostituzzjoni ghandha tkun "bla effett".'

> "59. Konformament mal-premess din il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu dak sottomess mill-intimati Griscti li huma qeghdin juzufruwixxu minn dritt *ope legis* [huma jsemmu l-artikoli 3, 4 u 14 tal-Kap.69], b'dan illi ma humiex jagixxu b'mod illegali, huwa minnu wkoll illi galadarba gie riskontrat stat ta' illegalita', precizament lezjoni ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, il-Qorti ma tistax tippermetti illi dan l-istat ta' illegalita' jibqa` fis-sehh. L-art.6 tal-Kostituzzjoni jghid car illi jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni il-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti tkun bla effett.[29] Dan hu r-rimedju ewlieni[30] li ghandu jinghata u li johrog mill-Kostituzzjoni stess."

89. Applikati l-principji citati ghall-kaz odjern, b'mod partikolari tenut kont li s-sitwazzjoni irregolari riskontrata minn din il-Qorti temani propju mit-thaddim ta' ligijiet partikolari, jigifieri d-dispozizzjonijiet tal-**Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini [il-Kap.69]**, u l-ligijiet specjali Att XLV tal-1973 u l-Att IX tal-1974, u in kwantu fost it-talbiet tar-rikorrenti hemm talba sabiex il-Qorti "*taghtihom dawk ir-rimedji kollha li jidrulha xierqa u opportuni nkluz il-pussess lura tal-fond…*", din il-Qorti m'ghandhiex thalli u tippermetti t-thaddim ta' ligijiet li l-applikazzjoni taghhom tkun leziva tad-drittijiet fundamentali.

---

[29] Q.Kos **Cedric Mifsud et v. Avukat Generali et**, 31 ta' Jannar 2014
[30] Enfazi ta' din il-Qorti

90. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti sejra tilqa' limitatament il-hames aggravju tar-rikorrenti billi tiddeciedi illi: [a] il-kumpens li ghandu jithallas lir-rikorrenti mill-Avukat Generali jigi ridott ghal €25,000 u, [b] l-Bank intimat ma jistax jibqa' jistrieh aktar fuq id-dispozizzjonijiet kontenuti fl-Ordinanza fuq citata u fuq id-dispozizzjonijiet tal-Att XLV tal-1973 u tal-Att IX tal-1974, fl-okkupazzjoni taghhom tal-fondi in kwistjoni.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi billi:

Tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Generali billi tirriduci l-kumpens dovut minnu lir-rikorrenti ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro [€25,000] u tichad l-appell fil-bqija;

Tilqa' wkoll limitatament l-appell tar-rikorrenti billi tordna li l-Bank intimat ma jistax jibqa' jistrieh fl-okkupazzjoni tieghu tal-fondi 1/5, Palace Square [illum Pjazza San Gorg] kif ukoll fondi 132, 133, 134 u 135 Strait Street, kollha gewwa l-Belt Valletta, fuq il-protezzjoni moghtija lilu bid-dispozizzjonijiet tal-**Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini [Kap.69]** u **l-Att XLV tas-sena 1973 kif emendat mil-Att IX ta' l-1974,** u, inkwantu f'dan il-kaz u fil-limiti tal-konsiderazzjonijeit premessi l-applikazzjoni ta' dawn il-ligijiet hi inkonsistenti mal-Artikolu 37[1] tal-

Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, ghandhom titqiesu bla effett bejn il-partijiet; tichad l-appell fil-bqija;

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif regolati mill-ewwel Qorti, mentri, l-ispejjez tal-appelli jigu akkollati in kwantu ghal tlieta minn hamsa [3/5] mir-rikorrenti u tnejn minn hamsa [2/5] mill-intimat Avukat Generali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb